**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs**

**Paul Calleja**

**Kumpilazzjoni numru 753/2012**

**Illum 15 ta' Dicembru, 2015**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Paul Calleja** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 2654 (M) billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar it-22 ta' Lulju 2012 gewwa tas-Sliema u fi bnadi ohra, ghall-habta tal-ghaxra u nofs ta' filghodu attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' l-Ispettur Jason Francis Sultana, PS 1354 Claudio Coppola u PC 485 Edwin Attard minghajr ma kkagunalhom griehi, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-ezekuzzjoni tal-ligi mill-awtorita kompetenti.
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz

pubbliku u cioe' l-Ispettur Jason Francis Sultana, PS 1354 Claudio Coppola u PC 485 Edwin Attard waqt li kienu ghamlu jew minhabba li kienu qed jaghmlu dan is-servizz bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngurja bil-kliem, lill-Ispettur Jason Francis Sultana, PS 1354 Claudio Coppola u PC 485 Edwin Attard, persuni nkarigati mill-ligi u minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dan is-servizz.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti.
6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghall-habta tan-nofs siegha ta' filghodu naqas milli jobdi ordni legittima moghtija lilu mill-pulizija, persuni nkarigati mil-ligi u minn servizz pubbliku waqt li kienu qeghdin jaghmlu l-qadi ta' dmirijiethom.
7. Talli nhar il-31 ta' Mejju 2012 ghall-habta tas-6.15 ta' filghodu, gewwa Triq Tigne' ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u cioe' PS 1354 Claudio Coppola waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is-servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.
8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
9. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur u/jew gimghat b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe':

10. Talli nhar il-21 ta’ Jannar 2012, matul il-lejl u cioe’ ghall-habta ta’ nofs il-lejl u ghaxar minuti ta’ filghodu, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-post maghruf bhala Xifer il-Kiel li jinsab fil-limiti ta’ Mgarr Malta, kkommetta serq ta’ prodottti tar-raba’ fosthom qaqocc, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Sciberras u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Art. 261(c) u (f) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
11. Talli nhar il-5 ta’ Frar 2012, matul il-lejl u cioe’ ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-post maghruf bhala Xifer il-Kiel li jinsab fil-limiti ta’ Mgarr Malta, kkommetta serq ta’ prodotti tar-raba’ fosthom qaqocc, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Sciberras u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Artikolu 261(f) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
12. Talli nhar l-20 ta’ Jannar 2012, matul il-lejl u cioe’ ghall-habta tas-seba’ neqsin ghaxar minuti ta’ filghaxija, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-post maghruf bhala Xifer il-Kiel li jinsab fil-limiti ta’ Mgarr Malta, kkommetta serq ta’ prodotti tar-raba’ fosthom qaqocc, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Sciberras u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Artikolu 261(f) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
13. Talli nhar il-15 ta’ Novembru 2012, matul il-lejl u cioe’ ghall-habta ta’ nofs il-lejl u ghaxar minuti ta’ filghodu, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ minn gewwa l-post maghruf bhala Xifer il-Kiel li jinsab fil-limiti ta’ Mgarr Malta, kkommetta serq ta’ prodotti tar-raba’ fosthom qaqocc, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u li sar ghad-detriment ta’ Joseph Sciberras u/jew ta’ persuni ohra u dan bi ksur ta’ Artikolu 261(c) u (f) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
14. Talli fl-istess perjodu ta’ zmien laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq u akkwistati b’reat, u/jew xjentement b’kull mod indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur ta’ Artikolu 334(a) ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
15. Akkuzat ukoll talli kkommetta dawn ir-reati, li ghalihom hemm kontemplata piena ta’ prigunerija, fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, datata 19 ta’ Lulju 2010, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.
16. U finalment talli rrenda ruhu recidiv b’diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur ta’ Artikoli 49, 50 u 289 ta’ Kapitolu 9 tal-Ligijet ta’ Malta.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi inkluz ix-xhieda tal-imputat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 3 ta' Gunju, 2015 (esebita a *fol. 370* tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

a) Fl-artikolu 96(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
b) Fl-artikoli 95, 339(1)(e) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
c) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
d) Fl-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
e) Fl-artikolu 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
f) Fl-artikoli 95, 339(1)(e) u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
g) Fl-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
h) Fl-artikolu 338(bb) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
i) Fl-artikoli 261(f), 270 u 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
j) Fl-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
k) Fl-artikoli 49, 50 u 289(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
l) Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2015 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza.

**Ikkunsidart;**

## Dewmien ta' procedura

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta ma' dan il-kaz bdew f'Lulju 2012. F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f' dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata w kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it- tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, ma hix accettabbli w hemm bzonn li tigi korretta b' mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju w stabbilit bil-ligi."*

U dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali l-bierah t-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015 fil-kawza **Samuel Onyeabor v. Avukat Generali**[1] :

> *Fil-fatt ezami tal- process ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minhabba l-komplessità tal-kaz jew minhabba l-volum ta' xiehda, izda minhabba l-mod kif il-process tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli*

[1] Rikors numru 18/2014 TM deciza mill-Imhallfin Giannino Caruana Demajo (Agent President, Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

*f'parti jew f'ohra qieghed fis-sistema nnifsu, li ma jhallix li process jibda u jintemm izda jitkarkar: il-gbir tax-xiehda jsir bin- nifs, seduti jinhlew billi jinstema' biss xhud wiehed ghal ftit minuti, seduti ohra jkollhom jithassru ghax lill-Qorti stess jew lill- Prosekuzzjoni jidhlilhom xoghol iehor aktar urgenti u jithassru wkoll seduti ghal ragunijiet varji. Naturalment, aktar ma l- process jiehu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalghu ostakoli, li jkomplu jwasslu ghal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xoghol u n-nuqqas ta' rizorsi jwasslu ghal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jinghata l-attenzjoni indiviza biex jitmexxa b'heffa u bla hela ta' zmien. Izda dan ma huwiex gustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qieghed jonqos mill-obbligu tieghu li jara li s- sistema gudizzjarju jkollu r-rizorsi kollha mehtiega biex jista' jimxi b'heffa u b'efficjenza waqt li fl-istess hin jitharsu l-interessi tal- gustizzja. Ma nistghux ma nghidux ukoll, izda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naha tal-operaturi tas-sistema, ghax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu naghmluhom b'dan il- mod "ghax dejjem hekk sar", u ghalhekk, ghalkemm nafu li jsiru hazin, inkomplu naghmluhom hekk.*

*Ghandu jinghad ukoll illi l-problema tad-dewmien huwa wiehed sistematiku u mhux xi haga li laqtet biss lil dan il-kaz partikolari.*

*In-nuqqas tal-istat huwa ghalhekk aktar gravi, u jsir aktar gravi jekk, minkejja l-hafna episodji ta' dewmien li dwarhom inghatat kundanna minn dawn il-qrati, il-problema jibqa' ma jigix indirizzat.*

**Il-Qorti tinnota kif dan il-kaz mexa bis-sulluzzu u rega' nbeda aktar minn darba wara korrezzjonijiet fl-akkuzi mitluba mill-Avukat Generali. Il-Qorti tinnota ukoll li filwaqt li l-prosekuzzjoni wriet entuzjazzmu kwazi z-zejjed bl-ammont ta' imputazzjonijiet mahruga fil-konfront tal-imputat, uhud minnhom *cut and paste* minn akkuzi f'kazijiet ohra mhux applikabbli ghal dan il-kaz (nghidu ahna akkuza numru sitta (6) dwar reat li sehh fin-nofsssiegha ta' filghodu), u f'numru ta' seduti (21.8.2012, 22.7.2013, 2.2.2014, 10.3.2014, 21.7.2014, 6.10.2014 u 17.11.2014) hadd mill-prosekuzzjoni ma kien prezenti biex il-kaz jista' jitmexxa 'l quddiem. Dan il-kaz zgur m'ghandux jittiehed bhala xi gwida ta' kif titmexxa**

**l-prosekuzzjoni, kif jinhargu l-akkuzi u fl-ahhar mill-ahhar in-nuqqas ta' koordinament bejn il-prosekuzzjoni u l-ufficcju tal-Avukat Generali biex jinhargu l-artikoli necessarji halli l-qorti tkun tista' tiddeciedi. Il-Qorti tinnota delettantizmu mill-prosekuzzjoni specjalment meta harget imputazzjonijiet marbuta ma' serq ta' qaqocc.**

**F'dan il-kaz il-pulizija setghet tkun aktar prudenti fix-xoghol taghha, tuza aktar l-kelma t-tajba meta ghandek kaz ta' kontravenzjoni dwar linji doppji sofor u vettura mhux ipparkajata hames metri 'l boghod minn kantuniera u ma thalliex kaz jiskala kif skala. Dan meta ghandek *hawker* li jrid jieqaf jaqdi lill-klijenti f'zona li ftit li xejn issib fejn tipparkja. Il-Qorti mhix ha tidhol fl-argumenti tad-difiza li kienet qeghda ssir diskriminazzjoni mill-pulizija li tmur u tirraporta lill-imputat u persuni ohra bhalu armati f'postijiet ohra jithallew jaghmlu dan minghajr xkiel.**

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**<u>Oneru tal-prova</u>**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputata huma veri w dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

> *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputata. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil- kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil minn jaghti affidament lill-verzjonijiet moghtija.

II-Qorti hawnhekk qabel xejn tirrileva li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Illi minn ezami akkurat tal-provi prodotti mill-partijiet fil-kaz odjern jirrizulta pjuttost evidenti li din il-Qorti tinsab rinfaccjata b'verzjonijiet differenti tal-fatti, ghal kollox kunfliggenti.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzata tigi misjuba hatja l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Il-Qorti issa trid tifli x-xhieda mismugha u dan sabiex tara jekk l-elementi rikjesti ghall-ezistenza tar-reati moghtija lill-imputat jirrizultawx jew le.

**<u>L-ewwel (1) imputazzjoni - Art 96 kap 9</u>**

Din il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz, ghalkemm l-*actus reus* gie pruvat, mhux l-istess jista' jinghad ghar-rigward tal-*mens rea*. Ir-reat fl- Artikolu 96 tal-Kodici Kriminali huwa dak ta':

> ***96.*** *Kull min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti, jehel, meta jinsab hati -*

1. *(a) jekk l-attakk jew ir-rezistenza jsiru minn wiehed jew tnejn min-nies, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa sentejn u ghal multa ta' mhux inqas minn erbat elef euro (4,000) u mhux izjed minn ghaxart elef euro (10,000);*
2. *(b) jekk l-attakk jew ir-rezistenza jsiru minn tlieta min- nies jew aktar, il-piena ta' prigunerija minn disa' xhur sa tliet snin u ghal multa ta' mhux inqas minn hamest elef euro (5,000) u mhux izjed minn hmistax-il elf euro (15,000).*

Biex dan ir-reat jigi integrat huwa mehtieg li l-persuna li tkun qed **tattakka, tirrezisti jew thebb** (enfasi tal-Qorti) tkun qed taghmel dan kontra persuna inkarigata skont il-Ligi minn servizz pubbliku – u tkun ben konxja li mhux biss qed taghmel atti ta' vjolenza kontra persuna privata izda specifikament kontra persuna li ghandha awtorita moghtija lilha skont il-Ligi.

Ghalhekk din it-tip ta' attakk, rezistenza bi vjolenza jew hebb ma jkunx biss attakk fuq il-persuna privata ta' dak li jkun izda huwa sahansitra attakk fuq l-awtorita' innifisha li dik il-persuna tkun qed tirraprezenta jew li f'isimha jew tahtha dik il-persuna tkun qed tagixxi u dan f'atteggjament ta' sfida u konfrontazzjoni tal-istess awtorita vestita fil-persuna privata li tkun qeghda tezercita tali awtorita jew li tahtha jew f'isimha tkun qed topera.

Skont il-**Carrara**, fil-Programma, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirrizulta li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjah minflok "ribellione" u dan fuq it-taghlim tal-Carmignani) li hija fil-bazi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-ufficjali ezercenti awtorita pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jigu riflessi l-ezercizzju tal-azzjoni pozittiva ta' kommissjoni li turi *l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi* u cjoe l-vires privat ma dak pubbliku.

Il-Qorti tqis li f'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' kif zvolga dan l-incident, l-imputat ma hebbx u attakka lill-pulizija.

Ghal din ir-raguni, dan ir-reat mhux meqjus integrat f'dan il-kaz.

**It-tieni u s-seba' imputazzjoni - artikolu 95 tal-Kap 9**

It-tieni u s-seba' imputazzjoni jitrattaw incidenti f'dati differenti, fil-13 ta' Mejju 2012 u fit-22 ta' Lulju 2012 u huma bbazati fuq l-artikolu 95 tal-Kodici Kriminali liema artikolu jitratta l-ingurji kontra ufficjali pubblici waqt il-qadi ta' dmirijiethom.

Dwar l-incident tat-22 ta' Lulju xehed PS1354 **Claudio Redent Coppola** fit-22 ta' Awwissu 2012 fejn qal:

> *Fost hafna diskors li qal, qalli stenna ftit ha ncempel lil min ghandi ncempel u inti titlaq minn ta' Sliema bhal ma telqu pulizija ohra bhalek ghax inti ghadek ma tafx ma' min qieghed thabbatha. Meta trid inza l-*

*uniformi u niltaqghu fejn trid u jekk ma tridx meta ssibni wara l-bieb ta' darek imbaghad tkellem ghax jien hemm nigik. Ahna bdejna nikkalmawh u ergajna ghidnielu biex jitlaq, ghidtlu li ha ntih ticket, tajtu ticket u ghidtlu biex jitlaq, rega' ma telaqx, lanqas beda jghabbi l-kaxxi, ftit wara giet karozza ta' l-ghamla Mercedes li ma rnexxilniex nehdulha l-pjanci fejn wara li kellmu s-Sur Paul Calleja gie hdejna, qalli dak taf min hu? Qalli dak hu t-Topo, dak li kien spara fuqkom, qalli biex tkunu tafu ma' min naghmilha jien. Imbaghad informajtu li ha narrestah. Kif mort biex narrestah hu mbuttani u beda jirrezisti l-arrest.*

L-Ispettur Jason Sultana (a fol. 364) xehed li:

*Nhar it-22 ta' Lulju 2012 konna qeghdin patrol gewwa Tas-Sliema flimkien ma' PS 1354 Claudio Coppola meta rajna hawker li kien qed jbiegh gewwa Triq it-Torri Tas-Sliema. Is-surgent flimkien ma' xi kuntistabbli ohrajn avvicinaw lill istess persuna li wara rrizulta li kien certu Paul Calleja li qed naghraf hawn prezenti fl-Awla u gie mitlub sabiex jnehhi l-vettura l-van tieghu li kien qed ipparkjat fuq double yellow line f'kantuniera. Sussegwentement l-akkuzat Paul Calleja beda jkun agressiv fil-konfront tas-surgent u anke beda jhedded lis-surgent kif ukoll lili illi kien ser jsibna wara dan l-incident.*

Illi huwa pacifiku li d-diskors "*ha ncempel lil min ghandi ncempel u inti titlaq minn tas-Sliema bhal ma telqu pulizija ohra bhalek ghax int ghadek ma tafx ma min qieghed thabbatha*" (a fol. 64 u a fol. 226 et seq.) intqal mill-imputat fil-konfront tal-ufficjali pubblici l-Ispettur Jason Sultana, PS 1354 u PC 485.

Bid-dovut rispett, dawn il-kliem mistqarra fil-kuntest partikolari u rivolti lejn ufficjali pubblici jikkostitwixxu precizament reat ta' ingurja kontra ufficjali pubblici skond l-artikolu 95.

Dan ukoll skond il-gurisprudenza mhux biss dik lokali izda ukoll dik Taljana fuq il-materja. Hekk per ezempju l-**Padovani**, fix-xoghol tieghu *Le Fonti del Diritto Italiano*, Codice Penale fil-paragrafu numru 3, pagna 3546, jghid is-segwenti fuq it-tifsira tal-ingurja :-

*"La condotta materiale concretante il reato si realizza con qualsiasi manifestazione di disprezzo o disistima, purche avvenuta alla presenza dell'offeso...*

*La natura offensiva dell-espressione puo essere ritenuta anche solamente in relazione a specifiche qualita personali dell'soggetto passivo (Antolisei, PS I 14 197), pur se risulta pacifico che non ha rilievo la particolare suscettibilita` della persona offesa dovendo, la lesione del bene giuridico, essere considerate in termini oggettivi, comunque il significato offensive di una frase va valutato in relazione al contesto in cui e pronunciata .....*

*Per valutare se l'espressione utilizzata e idonea a ledere il bene protetto dalla norma incriminatrice occorre fare a riferimento ad un criterio di media convenzionale in rapporto alla personalita dell'offeso e del offensore nonche al contesto nel quale detta espressione sia stata pronunciata e dalla coscienza sociale ....*

*La persona offesa, per parte sua, deve non solo essere presente ma deve anche aver percepito l'inguria e secondo taluna (Spasari, 24, 484; contra Manzini VIII 532) averne compreso la valenza offensive".*

Il-Qorti se ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni marbuta ma' dak li sehh fil-22 ta' Lulju 2012 igifieri **imputazzjoni numru tnejn (2)** u tilliberah mill- **imputazzjoni numru sebgha (7)** minhabba nuqqas ta' provi.

**Imputazzjoni 3, 4 u 8 – Artikolu 338(dd) Artikolu 338(bb) –Ksur tal-bon ordni u l-kwiet pubbliku**

Biex tissussisti din l-imputazzjoni intqal fis-sentenza fl-ismijiet Il- Pulizija vs Paul Pace[2]:

---

[2] Qorti ta' l-Appell Kriminali deciz fit-3 ta' April 2003

*"Minn dan jidher car li l-kliem tal-ligi jrid ikopri kull "disturbance to the peace and good order" sija jekk dan ikun gej minn ghajjat biss kif ukoll minn glied jew kolluttazzjoni fizika jew it-tnejn f'daqqa jew minn xi manifestazzjoni ohra. Mhux xi rekwizit tassattiv li dawn iz-zewg elementi jridu jikkonkorru f'daqqa w jista' jkollok wahda jew l-ohra jew xi manifestazzjoni ohra esterna li twassal ghad-disturb tal-buon ordni w l-kwiet tal-pubbliku. Ghalhekk hija skorretta legalment is-sottomissjoni tal-appellant li tghid li ghax ma jirrizultax l-ghajjat u l-glied fiziku flimkien, jonqos xi element kostituttiv ta' din il-kontravvenzjoni."*

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fl-Appell Kriminali "Il-**Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994]:

*"Bhala regola ikun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nniffsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-eghmil isehh, inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-ghemil" u "dan ir-reat javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-Common Law Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace."*

Dik il-Qorti kienet iccitat b'approvazzjoni lill- Imhallef Sir Adriano Dingli li fil-kawza "**Ispettore Raffaele Calleja vs. Paolo Bugeja et**." [Kollez Vol. XII , p.472, 475] kien qal :-

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro , e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell'ordine pubblico , indipendentemente dalla perpetrazione di altro atto."*

Illi m'hemmx dubju li mill-atti l-imputazzjoni numru erbgha (4) tirrizulta u l-imputat se jinstab hati taghha. Izda ma jirrizultawx provi dwar imputazzjoni tmienja (8) dwar l-allegat incident ta' l-31 ta' Mejju 2012 u se jkun liberat minnha.

L-istess jista' jinghad ghall-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali fejn bl-agir volut tieghu l-imputat kjarament li kiser il-bon-ordni u l-paci pubblika b'mod li bl-azzjoni tieghu gieghel lil l-Ispettur Jason Sultana, PS 1354 Claudio Coppola u PC Edwin Attard jibzghu ghall-inkolumnita taghhom bl-azzjonijiet tieghu u ghalhekk se jinstab hati tat-tielet (3) imputazzjoni.

**L-ghaxar (10), hdax (11), tnax (12) u tlettax (13) imputazzjoni marbuta mar-reat tas-serq – Artikoli 261(f), 270 u 281(a)tal-Kap 9**

Dwar r-reat akkuzat bih l-imputat dak ta' serq aggravat f'dati varji jinghad li jekk wiehed janalizza l-Kodici Kriminali taghna, ma jsibx definizzjoni tal-kuncett ta' serq, ghalhekk in-nozzjoni tas-serq tista' *prima facie* tidher facli, madankollu r-reat ta' serq dejjem ta' lok ghall-kwistjonijiet frekwenti u dibattuti hajjin fid-dritt kriminali.

Hija l-prattika kostanti tal-Qrati taghna li jadoperaw d-definizzjoni moghtija minn **Carrara** fil-*Programma Speciale vol IV* para 2017 - vide s-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Tanti** (Vol XXXII(e) IV/814) deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Dicembru 1944 fejn sar referenza ghal dak li jghid il-gurist Carrara:-

Il-Carrara jghid:

*"il furto e' la contracettazione dolosa della cosa altrui invito domino con animo di farne lucro."*

Ghalhekk jirrizulta minnufih li sabiex jissusisti serq irid ikun hemm l- elementi kostitwiti kollha ta' dan l-istess reat u cioe':

1. il-contrectatio tal-haga,
2. li tappartjeni lil terzi,
3. maghmula b'mod frawdolenti,
4. minghajr il-kunsens tas-sid, u
5. animo lucrandi.

Ghalhekk meta nghidu li sabiex jissusisti s-serq il-*contrectatio* tar-*res aliena* irid isir b'mod frawdolenti, irridu nfissru li t-tehid tal-oggett irid isir bl-intenzjoni li dan qed jittiehed minghand terzi, jigifieri li t-tehid qed isir ghad-dannu ta' terzi. Huwa mportanti sine qua non biex jigi ppruvat is-serq li hemm l-intenzjoni tal-*mens rea* mhux biss it-tehid tar-*res aliena* izda l-intenzjoni li ser isir akkwist - *animo di farne lucro*. Il-kontracettazzjoni mhix bizzejjed imma hemm bzonn li tkun saret *invito domino* u *luci faciendi gratia*.

Infatti r-rekwizit specjali ghas-serq huwa li wiehed qed jipprokura, sodisfazzjon, vantagg jew beneficcju minn haga li tappartjeni lil terzi. Fis-serq l-interess li jrid jigi ppruvat huwa l-pussess tal-oggett li jrid jigi prodott minn kull tehid illegittimu kommess *mediante sottrazione senza violenza personale*, kif jghid Manzini *presupposta essenziale del furto e' la mancanza del possesso del agente*. Meta fil-fatt sid ta' *res aliena* m'ghandux interess fl-oggett jew ahjar abbanduna l-istess oggett, minn jiehu dan l-oggetti ma jistax jinstab hati ta' serq, se mai, ta' misappropriazzjoni. Fil-fatt, kif gia gie spjegat fil-kawza Il-**Pulizija v S. Pisani** - deciza nhar id-dsatax ta' Frar, 1942, il-Qorti qalet li sabiex jezisti l-vjolazzjoni ta' serq, mhux biss l-oggett irid jigi mehud, izda li t-terz jigi spussessjat mill-oggett. Kwantu ghar-rekwizit ta' *invito domino* huwa intwittiv li l-kunsens tas-sid jiddirimi r-reat ta' serq. Dan il-kunsens jista' jkun tant espress kemm tacitu. F'cirkostanzi eccezzjonali jista jkun prezunt, u allura l-*buona fede* tal-awtur tal-*contrectatio* teskludi r-reat. Bil-kelma lucro wiehed m'ghandhux jifhem biss lokupletazzjoni venali jew barswali imma kwalunkwe vantagg, sodisfazzjon, utili, pjacir, beneficcju jew kommodu li l-hati jkollu fi hsiebu li jipprokura.

Carrara jghid:

> *"avvengache per lucra qui non s'intende una effettiva locupletazione, ma qualsiasi vantaggio o sodisfazione procurata a se' stesso."*

Elenkati dawn il-kriterji jista wiehed jghaddi biex jezamina l-kaz tal-imputat fid-dawl tas-suespost.

Il-Qorti ma thossx li l-prosekuzzjoni sodisfacentament ippruvat li kien l-imputat li seraq il-qaqocc fil-21 ta' Jannar 2012, fil-5 ta' Frar 2012, fl-20 ta' Gunju 2012 u l-15 ta' Novembru 2012 u ghalhekk mhix se tinstab htija fil-konfront tieghu dwar l-imputazzjonijiet numru <u>ghaxra (10), hdax (11), tnax (12) u tlettax (13).</u>

**<u>L-erbatax (14) – Ricettazzjoni – Artikolu 334 tal-Kap 9</u>**

Illi dan kollu jgibna sabiex il-Qorti tiddiskuti r-reat ta’ ricettazzjoni kif dispost fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u dwar dak li l- Prosekuzzjoni trid tipprova f’dan ir-rigward.

Illi jirrizulta minn ezami tar-reat in dezamina li l-elementi tar- ricettazzjoni huma:

i.li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta’;

ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun irceviet jew xtrat l- oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tezita jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza llegittima ta' dawk l- oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. L-unika diskrepanza li jista’ ikun hemm bejn dak li tallega l-Prosekuzzjoni u d-Difiza hi dwar l- interpretazzjoni tal-kelma xjenza. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma xjenza.

Skond il-**Manzini** huwa jispjega li:

> *"per l'imputabilita’ del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta’ del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose."*

**Smith & Hogan** f'pagna 61 tal-ktieb **Criminal Law** (Edit. 1965) jiktbu:

> *“knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo sive Charles Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 28 ta' April, 2000 fejn il-Qorti irriteniet li:-

> *"Dwar l-element tal-provenjenza llegali u tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi ndiretti. Bhal ma' dejjem gie ritenut, l-element tax-xjenter jezisti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provenjenza llegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza, ragjonevolment jaghtu suspett dwar il-provenjenza llegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal per ezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni tal-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita' kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero' mic-cirkostanzi ferm dubjuzi u suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*
>
> *Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal-grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezisti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Tancred Borg** deciza mill-istess Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru, 1988 fejn inghad:-

> *"Li wiehed ikollu suspett ta' xi rregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali 24/06/1961 Il-**Pulizija vs George Tabone** deciz fl-24 ta' Gunju, 1961, u Il-**Pulizija vs Vincent Calleja** deciz fit-30 ta' Novembru, 1978)."*

Illi fis-sentenza tal-Qorti bhala Gudikatura Kriminali fil-kawza **Pulizija vs Alfred Brown** deciza fil-25 ta' Awissu 2014 mill-kollega l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera spjegat li l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil- kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

1. Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)
2. Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)
3. Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)
4. Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)
5. Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)
6. Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza;

> *1. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzat fil-mument tar- ricettazzjoni kien jaf li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;*
>
> *2. Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;*
>
> *3. Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;*
>
> *4. Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa' ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista' ikun prova bizzejjed tal- element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;*
>
> *5. Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-*

*persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u ntant tilqa' dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;*

*6. Jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal- ammissjoni ta' diligenza tal-boun padre di familia da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal negligenza kriminali;*

*7. Veru li s-semplici suspett m'ghandhux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru ukoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghall-iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil- mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;*

*8. Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u posittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il- mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar- ricettazzjoni.*[3]

Issa fil-kaz in desamina ma jirrizultax li l-imputat xtara xi qaqocc minn fuq l-idejn u lanqas jirrizulta li dan kien qaqocc misruq minghand Joseph Sciberras minn Xifer il-Kiel li jinsab fil-limiti ta' Mgarr f'Malta u ghalhekk l-imputat mhux qieghed jinstab hati ta' l-**imputazzjoni numru erbatax (14).**

[3] Qorti bhala Gudikatura Kriminali fil-kawza **Pulizija vs Alfred Brown** deciza fil-25 ta' Awissu 2014 mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera

**L-imputazzjoni 15 – Artikoli 28B tal-Kap 9**

Din l-imputazzjoni mhix indikata fin-nota ta' rinviju tal-Avukat Generali.

Din il-Qorti hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata.

Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal- Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin- Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Oltre dan, fil-kaz odjern, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkunsidra n-nuqqas tal-Avukat Generali milli jindika Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta bhala *lapsus calami* u kwindi l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hmistax (15) il-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat stante li din ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju.

Il-Qorti zzid li l-prosekuzzjoni ghalkemm akkuzaw lill-imputat b'din l-imputazzjoni ma esebew l-ebda decizjoni tal-Qorti moghtija fl-20 ta' Lulju 2010 li kkundannat lill-imputat sentenza ta' prigunerija sospiza.

**Imputazzjoni 16 – Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9**

Illi permezz tal-ahhar imputazzjoni l-imputat qieghed jigi addebitat bir-recidiva.

Illi in sostenn ta' din l-imputazzjoni l-prosekuzzjoni prezentat sentenza Il-**Pulizija (Sp. Daryl Borg) vs Eddali Khaled et**., deciza fil-11 ta' April 2014 permezz ta' liema l-imputat gie bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti illiberatu mit-tieni akkuza bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena u fir-rigward tat-tielet akkuza kien ikkundannat multa ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Appell Kriminali Inferjuri Il-**Pulizija vs Theodosius sive Dennis Baldacchino et** tas-7 ta' Jannar, 2010 moghtija mill-Imhallef Joseph Galea Debono tratta b'mod estensiv dwar dan:

> *"Din il-Qorti kienet ghamlet riferenza ghall-awturi Taljani w senjatament ghall-MANZINI w il-BORGHESE.*
>
> *Il-MANZINI (Trattato Di Diritto Penale Italiano, Vol. II, Parte I, p.774 u 775) jikkumenta hekk :*
>
> *"La recidiva deve essere contestata in specie e grado, cosi' che non si puo' passare, senza nuova contestazione, dalla recidiva semplice alla aggravata. Ma l'obbligo della contestazione sussiste soltanto allorche' si debba valutare la recidiva come aggravante; non quando la recidiva e' considerata come ostacolo alla concessione d' un beneficio (es. diminuzioni facoltative, condanna condizionale, indulto, amnestia), nella quale ipotesi se ne deve tener conto anche se non sia stata contestata."*
>
> *"Se la sentenza anteriore o il certificato penale non fossero stati allegati al processo o se la circostanza della recidiva non fosse stata in alcun modo contestata, o se il giudice non avesse applicato l'aggravamento, il giudice di appello non potrebbe applicarlo, qualora il pubblico ministero non avesse appellato su tal punto"*
>
> *Il-BORGHESE - "Codice Penale Italiano" (1953) p.175 jikkummenta li:*
>
> *"Normalmente la recidiva risulta dal certificato del casellario guidiziale; le annotazioni di questo pero' non avendo carattere costitutivo, ma solo certificativo, la recidiva puo' trarsi, indipendentemente da esso, da altro*

*documento, come la copia autentica o l' estratto di una sentenza di condanna. (Cass.9 maggio 1934, Garolla , In Giust.pen., 1935 , II, 234) u jkompli jghid :*

*"...Per la contestazione della recidiva basta la lettura in udienza dei precedenti penali ...."*

*Din il-Qorti kienet irriteniet li s-soluzzjoni jidher li tinstab proprju fid-distinzjoni li jaghmel il-Manzini fuq citata fejn jghid li biex tinstab htija ta' recidiva biex isservi ta' aggravanti tar-reat, din tkun riedet giet kontestata lill- akkuzat espressament jew fl-istess akkuza jew f'xi talba jew sottomissjoni tal-prosekuzzjoni. Pero' ma hemmx il- htiega li dan isir biex Qorti ta' gustizzja penali tiehu kont tar-recidiva ta' akkuzat biss ghall-fini tal-erogazzjoni tal- piena meta tkun qed tikkonsidra xi diminuzjoni fakultattiva fil-piena, xi kundanna kondizzjonali, ecc. kif inhu l-kaz odjern.*

*Ikkunsidrat;*

*Illi mill-process (fols. 3 u 4) jirrizulta li l-Prosekuzzjoni kienet esebiet quddiem l-Ewwel Qorti l-fedina penali tal- appellat Theodosius Baldacchino proprju mac-citazzjoni. Issa minn din il-fedina penali jirrizulta li l-appellat sad-data tal-kommissjoni tar-reat ammess minnu f' din il- kawza kien gie misjub hati mill-Qorti tal-Magistrati ta' delitt relatat mal-ligijiet tat-Taxxa dwar il-Valur Mizjud fl-20 ta' Jannar, 2004, kif fuq inghid.*

*Ghalhekk f' dan il-kaz, bhal fil-kaz ta' Abela, meta l-Ewwel Qorti giet biex tapplika l-piena, una volta li quddiemha kellha l-fedina penali tal-appellat w, una volta li fuq il- korretteza ta' din il-fedina penali ma rrizulta li kien hemm ebda kontestazzjoni, w ladarba minn din il-fedina penali kien jirrizulta ampjament li l-appellat kien recidiv, imissha ma applikatax l-artikolu 28A zbaljatament kif fil-fatt ghamlet.*

*Din il-Qorti thoss li ghandha terga' temfasizza illi huwa dmir impellenti ta' kull Qorti ta' gurisdizzjoni penali li, qabel ma teroga xi piena jew tapplika xi provvediment alternattiv bhal sentenza sospiza, ordni ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata, eccetera, tezamina sew il-fedina*

*penali tal- hati biex tkun tista' tikkalibra l-piena skond ic-cirkostanzi w proprju tivverifika jekk xi provvediment li jkollha f' mohha li taghmel ikunx prekluz minn xi dispozizzjoni tal-ligi. Ma jidhirx li dan sar mill-Ewwel Qorti f' dan il-kaz ghax kieku din kienet tinduna mill-ewwel li kienet prekluza milli taghti sentenza ta' prigunerija sospiza lill-appellat Theodosius Baldacchino.”*[4]

Illi r-recidiva hija regolata permezz ta’ l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-artikolu 49 jistabilixxi meta persuna ghandha titqies recidiva u cioe jekk, *wara li tkun giet ikkundannata ghal reat b’sentenza li tkun saret definittiva, taghmel reat iehor*. L-artikolu 50 imbaghad jistabilixxi li, skond ic-cirkostanzi hemm stabbiliti, il-piena mghotija fil-konfront tal-imputat recidiv tista’ tizdied bi grad. Dan l-artikolu 50 jipprovdi li:

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dakinnhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta’ dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista’ tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt iehor.*

Illi ghalhekk biex imputat jigi kunsidrat recidiv ai fini ta’ dan l-artikolu 50 l- imputat irid ikun skonta il-perjodu ta’ prigunerija gia impost fuqu.

Illi l-artikolu 28(5A) jipprovdi li:

*Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tal-artikolu 28F il-piena moghtija f’sentenza sospiza meta dik is-sentenza ma tkunx dahlet fis-sehh ghandha, ghall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun giet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv.*

Illi l-artikolu 28F mbaghad jipprovdi hekk:

[4] Appell Kriminali Inferjuri Nru. 384/2009

*Meta l-qorti tkun qeghda tittratta ma' hati dwar reat, li ghalih hemm piena ta' prigunerija, li jkun sar fil-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza, hija ghandha tqisu bhala recidiv fit-tifsir ta'l-artikolu 49 sabiex tqis il-piena li jkun jisthoqq ghal dak ir-reat liehor, izda l-piena moghtija fis-sentenza sospiza ma ghandhiex titqies ghall-finijiet tal-artikolu 50 hlief jekk dik is-sentenza tkun bdiet issehh u sakemm dik il-piena ma tkunx giet skontata jew mahfura.*

Illi ghalhekk sentenza sospiza ghandha titqies bhala kundanna ai fini ta' l-artikolu 49 pero ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni ai fini ta'l-artikolu 50 qabel l-iskadenza tal-perjodu operativ jew, jekk issir effettiva, meta tkun giet skontata.

**Il-Qorti tinnota li l-perjodi speċifikati fl-artikolu 50 f'kull każ ma jiskattawx jekk il-persuna konċernata ma tkunx skontat il-piena. Skont kif inhi l-ligi bhalissa ifisser li sabiex persuna tevadi l-awment fil-piena konsegwenza ta' reċidività kull ma ghandha taghmel hu li ma thallasx il-multa imposta jew tevadi l-inkarċerazzjoni.**

**B'hekk qieghed jinholoq inċentiv lill-ikkundannat sabiex jaghmel minn kollox biex jevadi ssanzjoni tal-Qorti u b'hekk jevadi l-awment fil-piena f'każ ta' reċidiva.**

L-imputat jinsab addebitat bl-addebitu tar-recidiva ai termini ta' l- artikoli 49, 50 u 289. Inkwantu ghall-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali dan l-artikolu jirreferi ghar-reati ta' serq.

> ***289.*** *(1) Fil-kazijiet ta' recidiva fid-delitti msemmijin f'dan is- sub-titolu, il-piena tista' tizdied, fil-kaz tat-tieni kundanna, bi grad jew tnejn, u fil-kaz tat-tielet kundanna jew ohrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*
>
> *(2) Meta z-zieda fil-piena ma tistax issir hlief billi tigi moghtija l-piena tar-rekluzjoni, din il-piena tista' tinghata sa tmintax-il perijodu.*

L-imputat mhux jinstab hati tal-imputazzjonijiet marbuta mas-serq u allura dan l-artikolu ma japplikax.

Illi fl-atti tal-kawza (*a fol* 340 u 342) l-prosekuzzjoni ezebit sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali datati 30 ta' Gunju 2011 u 9 ta' April 2010 u Mis-sentenza esebita jirrizulta li l-konnotati indikati f'dik is-sentenza huma identici ghal dawk tal-imputat odjern. Fl-ewwel kawza l-imputat kien immultat mija u sbatax-il ewro (€117) fuq akkuzi marbuta mat-traffiku u fit-tieni kawza kien ikkundannat tliet xhur (3) prigunerija u multa ta'elfejn, sitt mija u tmienja u sebghin ewro u tmienja u sebghin ewro centezmi (€2678.78) ta' akkuzi marbuta mat-traffiku u serq semplici. It-tielet sentenza esebita (*a fol* 345) ggib id-data tat-13 ta' Ottubru 2009 tal-Qorti tal-Appell Kriminali fejn l-imputat kien ikkundannat 13-il xahar prigunerija dwar serq ta' kompressur tar-arja.

Ghalhekk l-imputat se jinsab li huwa recediv biss a tenur ta' l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali u kwindi ma tittihidx in kunsiderazzjoni ai fini ta' l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali.

**Imputazzjonijiet hamsa (5), disgha (9) u sitta (6) – Artikolu 338 (bb) u 339(1)(e).**

Dwar dawn l-imputazzjonijiet il-Qorti tinnota li l-prosekuzzjoni naqset li ggib provi dwarhom u ghalhekk ma jirrizultawx u l-imputat qieghed ikun liberat minnhom.

## ZERO TOLLERANCE

Il-Qorti terga' ttenni li l-Pulizija jridu jkunu protetti waqt li jkunu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom u hadd m'huwa skuzat – tkun xi tkun ir-raguni – li jhedded lil xi ufficjal tal-Pulizija jew li b'xi mod iweggghu.

Ordni tal-Pulizija ghandha tkun obduta mal-ewwel u ghandu jintwera rispett lejn kull uffiċjal dejjem u kullimkien. Dan ir-rispett ghandu jidher b'mod l-aktar ċar u enfatiku f'sitwazzjonijiet fejn tkun dahlet imqar naqra tensjoni.

Il-Qorti qieghda tinnota li fis-socjeta' taghna qieghed ikun hemm aktar okkazzjonijiet fejn persuni m'hux jobdu ordnijiet legittimi tal-pulizija u wisq aktar jattakkawhom fizikament u mhux l-ewwel darba li jkun hemm min isofri griehi anke gravi.

Il-Qorti ma tridx li membri tal-Korp tal-Pulizija jiddemoralizzaw ruhhom minn dan ghaliex mhux dejjem isibu l-appogg mixtieq ghall-hidma taghhom, jekk ma jispiccawx ukoll huma stess mghoddija process popolari ghax iwettqu d-dmirijiet taghhom.

Il-Qorti se terga' tfakkar f'dak osservat mil-Qorti fl-Appell Kriminali[5] : **"Il-Pulizija vs. Mathew Peter O' Toole" [**2.3.06]

> *" il-Qrati ma jistghux jittrattaw kazijiet bhal dawn fejn ikunu mhedda ufficjali tal-Korp tal-Pulizija, waqt li qed jaqdu dmirijiethom - kultant f' sitwazzjonijiet difficli u delikati - b' leggerezza, qisu ma gara xejn, bhallikieku l-Pulizija qieghed hemm biex jigi mzeblah, sfidat, u mhedded.*
>
> *Illi jidher li l-appellant seta' kien taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku eccessiv meta pprovoka dan l-incident bla bzonn, pero' dan bl-ebda mod ma jiskuzah."*

u fl-Appell Kriminali[6] "**Il-Pulizija vs. George Grech"** [23.6.05] il-Qorti qalet:

> *"Illi l-Qorti terga ttenni f'dak li diga' qalet f'diversi sentenzi li r-reati bhal dawk ammessi mill-appellant fuq membri tal-korp tal-Pulizija waqt il-qadi tad-dmirijiet taghhom ma jistghux jitqiesu leggerment mill-Qrati li ghandhom joffru kull protezzjoni lill-kustodji tal-ordni pubbliku meta jkunu qed jagixxu fiz-zamma tal-ordni taht cirkostanzi mill-aktar difficli u b'riskju kbir ghall-inkolumita' taghhom personali w li ghalhekk f'dawn it-tip ta' reati hija indikata piena karcerarja effettiva kif del resto tiddisponi l-ligi."*

Imbaghad fl-Appell Kriminali[7] "**Il-Pulizija vs. Anthony Roderick Farrugia"** [26.4.2007] din il-Qorti qalet ukoll :-

> *"Kif irriteniet din il-Qorti diversi drabi, reati ta' vjolenza attiva fil-konfront tal-Pulizija kull ma jmorru qed jizdiedu w jsiru ferm spissi w l-Qrati ghandhom id-dmir, fejn ikun il-kaz, li jaghtu l-protezzjoni xierqa lill-forzi tal-ordni fejn dawn ikunu qed jagixxu entro il-poteri lilhom moghtija fl-esekuzzjoni tal-ligi w ma jistghux jittrattaw dawn il-kazijiet b' leggerezza w jikkondonaw dak li ma ghandux jigi kondonat b' pieni*

[5] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono
[6] Qorti ppreseduta mill-Imhallef Joe Galea Debono
[7] Ibid.

*irrizorji aktar u aktar meta dak li jkun ikun recidiv kif inhu f' dan il-kaz."*

**Ikkundsidrat;**

**Rat illi l-akkuzi odjerni li l-imputat ser jinsab hati dwarhom, jikkoncernaw ingurji u theddid fuq ufficcjali pubblici w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tibghat messagg lis-socjeta li tali atteggjament mhuwiex accettabli w ghandu jigi censurat.**

**Il-Pulizija Esekuttiva hija hemm sabiex tipprotegi c-cittadin u m'ghandhiex tigi mqieghda f'sitwazzjoni li tibza tezercita d-dritt taghha li tikkoregi lill-individwu li ma jkunx qed jimxi skond il-ligi.**

**Il-Qorti tinkoragixxi lill-ufficcjali tal-Pulizija sabiex jintervjenu kull fejn ikun hemm xi nuqqas ta' terz u dan bl-intendiment li jkun hemm armonija shiha fil-pajjiz.**

Stante li l-fedina penali tal-imputat mhiex wahda daqstant reflettarja ma thossx li ghandha timponi piena karcerarja izda ghandha tikkundannah ihallas multa fil-massimu taghha li tipprovdi l-ligi.

Illi miz-zmien tal-kommissjoni tar-reat inbidlet il-ligi inkwantu ghall-piena marbuta mal-Artikolu 95 tal-Kodici Kriminali. Meta twettaq ir-reat fl-2012 min kien jinstab hati dwaru kif seta' jinghata bhala piena multa izda l-ammont taghha ma kienx indikat. Fejn ma jkunx hemm provediment dwar kemm ghandha tkun il-multa, l-Qorti trid tapplika dak li jipprovdi Artikolu 11 tal-Kodici Kriminali:

> **11.** (1) Fejn il-ligi ma tghidx espressament xort'ohra, il- *maximum* tal-multa huwa elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69) u l-*minimum* tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29).

Bl-emendi li ddahhlu fis-sehh fl-2014 il-multa kienet stabilita ghal:

> "multa ta' mhux inqas minn tmien mitt euro (800) u mhux izjed minn hamest elef euro (5,000)."

Fil-kaz ta' l-imputat, il-ligi kif vigenti llum l-ammont huwa aktar gravi w ghaldaqstant tkun applikabbli ghalih il-ligi kif kienet vigenti fiz-zmien li twettaq ir-reat.

Il-Qorti se tapplika l-multa l-aktar gholja li tippermetti l-ligi kif kienet vigenti fl-2012.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-Gudizzju tat-**3 ta' Gunju, 2015** u senjatament l-Artikoli 96(a), 95, 339(1), 338(dd), 338(bb), 338(ee), 261(f), 270, 281(a), 334, 49, 50, 289, 17, 20 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzonijiet numru tnejn (2), tlieta (3), erbgha (4) u sittax (16) migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-imputazzjoni numru hmistax (15) ghaliex ma kinetx indikata fl-artikolu fir-rinviju tal-Avukat Generali u l-prosekuzzjoni ma gabitx provi biex tissustanza din l-akkuza u ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha, jigifieri l-ewwel (1), hames (5), sitta (6), seba'(7), tmienja (8), disa' (9), ghaxra (1), hdax (11), tnax (12), tlettax (13) u erbatax (14).

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**

**Margaret De Battista**

**Deputat Registratur**